Volum 26
Ħarġa 02
Frar 2024

# Tgħallem taċċetta dak li ma tistax tbiddel u tibdel dak li tista– Joyce Grech

**Skont il fehma tiegħi,** il-vera mħabba ma tmut qatt. Lanqas il-mewt ma toqtolha. Dan ix-xahar hu ddedikat għal jum il-maħbubin, allura jkun tajjeb li nikteb ftit fuq l-imħabba. L-imħabba li fiha bosta u bosta sfumaturi. Huma kollha mħabbiet differenti. Ma tistax tħallat l-imħabba lejn it-tim tal-futbol favorit mal-imħabba lejn it-tfal jew lejn il-mara. Huma mħabbiet differenti però huma kollha mħabbiet.

Lili l-aktar li tinteressani hija l-imħabba lejn persuna oħra sew jekk tkun il-mara jew ir-raġel u sew jekk tkun is-sieħba jew is-sieħeb. Jiena nemmen li min jormol bħalna għandu jkun hu li jiddeċiedi kif jixtieq li jerġa' jibni ħajja ġdida u jekk f'din il-ħajja ġdida jħallix parti sostanzjali għall-imħabba ġdida. Ikun ħela ta' ħin jekk ninħlew infittxu sostitut għal min telaq. Din mhux logħba ballun fejn tbiddel plejer għax kien qed jilgħab ħażin jew biex tagħmel bidla tattika. Meta tormol hija ġrajja li trid taċċetta u titgħallem tgħix biha. Hawn min ma jaqbilx miegħi meta ngħid li rridu naċċettaw. Hawn min jgħidli bir-raġun kollu li hu m'aċċettax imma m'hemmx x'tagħmel.

L-imħabba hija xi ħaġa kumplessa ferm u tinvolvi sagrifiċċji, protezzjoni, attrazzjoni, affezzjoni u fiduċja. Is-sapport ukoll huwa tip ta' mħabba. L-imħabba tista' tvarja fl-intensità u tista' wkoll tinbidel maż-żmien. Hija rabta li tmur lil hinn mis-superfiċjalità. Hija rabta li ħafna drabi tinvolvi li nifhmu l-valuri ewlenin, it-twemmin u l-għanijiet tal-ħajja ta' xulxin. Din il-konnessjoni toħloq sens ta' kumpanija, fejn iż-żewġ imsieħba jħossu li qegħdin fl-istess tim, jaħdmu lejn ħolm komuni. L-Imħabba vera hija mħabba bla kundizzjonijiet. Din hija t-tip ta' mħabba li lkoll nixtiequ. Jgħidu li fl-Imħabba verà m'hemm l-ebda diżappunt, irritazzjoni, jew rabja. M'hemmx post għall min mhux lest jieħu paċenzja.

L-esperti jgħidu li l-imħabba hija kważi vizzju u l-bnedmin ma jistgħux jiksbu biżżejjed! Dejjem iridu! L-ormoni li jirrilaxxa l-moħħ meta nesperjenzaw l-imħabba jwasslu għall-ewforija u sentimenti pożittivi oħra fejn dawn iħalluk trid aktar. L-idea ġenerali hija li l-imħabba sseħħ biss bejn imsieħba romantiċi. Dan mhux dejjem korrett. Ktibt diġà. Aħna nesperjenzaw diversi tipi ta' mħabba f'relazzjonijiet differenti.

*Ikompli f'paġna 3*

## ATTIVITAJIET Frar 2024

**It-2 ta' Frar 2024-20.00-**Project House-Il-Karnival-Taħdita minn Joseph Farrugia.

**Id-9 ta' Frar 2024-20.00-**Carnival dinner at Ta' leli Bistro, Birkirkara (ħdejn il-knisja ta' Sant Antnin)

**Starters-**Penne with white sauce jew farfalle with salmon sauce jew lasagna

**Main-**Chicken breast with mushroom sauce jew Roasted half chicken jew Fresh salmon jew Cube roll steak with rick sauce.

**Sides–** Baked potatoes, chips, salads and veg. Flixkun Inbid kull 5 persuni u Ħelwa tat-Tork

**Prezz 21€-Booking permezz ta' Revolut għand Therese fuq 99830025.**

**Għidulna x'se tieklu mal-booking. Se jkun hemm Dj u ejjew bil-kostum.**

**Is-16 ta' Frar 2024-**Project House-20.00-Taħdita minn-Nutritionist Dr. Antonella Grima.

**It-23 ta' Frar 2024-**20.00-Birthday Celebrations-**Peristyle Restaurant Rabat.**
**Starters-**Fish soup jew Shrimp cocktail jew Ravioli jew Penne Bolognese

**Main–**Ribeye steak jew Chicken breast jew Salmon jew Dott steak jew Rabbit Deserta u Drink

**Prezz 27€ Booking permess ta' Revolut għand Maureen Tarpey fuq 79895387**

**Għidulna x'se tieklu mal-booking.**



**Yorkshire Ripper.** Dan l-aħħar fuq Netflix segwejt dokumentarju interessanti ħafna fuq dan il-qattiel. Din hija serje dokumentarja qawwija u fattwali ħafna li tagħti ħafna dettalji dwar il-qtil fuq medda ta' ħames snin ta' The Yorkshire Ripper, Peter Sutcliffe. Ħafna intervisti, antiki jew riċenti minn pulizija, ġurnalisti, familji, u b'mod aktar xokkanti, superstiti li rnexxilhom jaħarbu mewta ċerta. Ix-xahar li għadda ktibt fuq Jack the Ripper. Dan ix-xahar qed nikteb fuq il-Yorkshire Ripper. In-nies verament bdew jippanikjaw meta l-Yorkshire Ripper waqaf ifittex u jattakka l-prostituti u beda jimmira lejn l-istudenti. U hawn nibdet domanda ġewwa moħħi "Tgħid għall prostituti me nkwetawx u għall istudenti iva?" Meta Peter Sutcliffe fl-aħħar instab ħati, wara li d-difiża tiegħu ppruvat tikkonvinċi li kellu problemi mentali iżda li ma rnexxietx f'dan l -attentat, kien qatel 13-il mara, ferm aktar minn Jack the Ripper qattiel serjali ieħor li werwer l-Ingilterra snin qabel. Waqt li kien qed jiġi mressaq għal ġuri, barra kien hemm bosta nies irrabjati jistennewh. Sutcliffe instab ħati u rċieva sentenza ta' għomor il-ħabs. Fit-30 ta' Ottubru, 1975 l-ewwel vittma ta' Peter Sutcliffe kienet Wilma McCann, li qalgħet bosta daqqiet b'martell fuq rasha. Hija qalgħet ukoll diversi daqqiet ta' sikkina. Bejn Frar 1977 u Mejju 1978, hu qatel seba' nisa fit-Tramuntana tal-Ingilterra. Ħafna mill-vittmi ġew immutilati wara li nqatlu. Kien bejn l-1975 u l-1980 li r-raġel magħruf bħala l-Yorkshire Ripper uża mrietel, skieken u tornaviti biex joqtol sitt nisa f'Leeds u seba' oħra f'Manchester, Bradford, Huddersfield u Halifax. Sutcliffe ntbagħat il-ħabs wara li wettaq sensiela ta' qtil brutali mmotivati sesswalment li ħasdu lill-pajjiż u ġiegħlu lin-nisa fit-tramuntana jibżgħu jimxu fit-toroq bil-lejl. Ħafna nies xorta għadom jiftakru b'mod ċar dawn l-assassinji.

Bħala parti mit-tfitxija, l-awtoritajiet interrogaw aktar minn 250,000 persuna u fittxew eluf ta' djar. Sutcliffe nnifsu ġie interrogat disa' darbiet matul l-investigazzjoni iżda dejjem ikkonvinċa lid-ditektifs li ma kienx involut. Fl-1979, tejp irrekordjat allegatament mill-Yorkshire Ripper intbagħat lill-pulizija, li ġew ingannati minn dak li aktar tard irriżulta li ma kienx ġenwin. L-hekk imsejjaħ Yorkshire Ripper fl-aħħar inqabad mill-pulizija Ngliża, biex b'hekk intemmet waħda mill-akbar tfittxija fl-istorja. Għal ħames snin, l-investigaturi kienu segwew kull ħjiel biex iwaqqfu lil dan il-qattiel serjali li tterrorizza t-Tramuntana tal-Ingilterra. Peter Sutcliffe intlemaħ f'karozza misruqa ma' prostituta u ġie arrestat mis-Surġent Robert Ring. Sutcliffe talab li jagħmel l-awrina wara arbuxxell qabel ma ttieħed taħt arrest. Meta Ring aktar tard irritorna fuq il-post, sab martell u sikkina, l-armi tal-għażla tal-Yorkshire Ripper, wara l -arbuxxell. Sutcliffe ammetta dan meta kkonfrontat b'din l-evidenza. Il-verifika tal-pulizija wriet li l-karozza tiegħu kellha pjanċi foloz u Sutcliffe ġie arrestat u ttieħed fl-għassa tal-pulizija ta' triq Hammerton qabel ma ġie trasferit fl-Għassa tal-Pulizija ta' Dewsbury. F'Dewsbury ġie interrogat b'rabta mal-każ Yorkshire Ripper hekk kif kien jaqbel ma' ħafna mill-karatteristiċi fiżiċi magħrufa.

*Ikompli fl'paġna 3*

Peter Sutcliffe, magħruf bħala' The Yorkshire Ripper,' qatel 13-il mara fuq medda ta' ħames snin u pprova joqtol sebgħa oħra f'wieħed mill-aktar każijiet notorji ta' qtil serjali fill-Gran Brittanja. Huwa ntbagħat il-ħabs għal għomru fl-1981 fl-Old Bailey, wara li l-assassinji tiegħu tterrorizzaw il West Yorkshire u ħalla lin-nies imwerwrin biex jitilqu minn djarhom. Huwa miet fil-ħabs f'Novembru 2020 wara li rrifjuta t-trattament għall-coronavirus.



Aktar fuqna r-romol! Hija xi ħaġa normali li meta aħna r-romol niltaqgħu ma' persuna oħra se nħossuna ħatja. Imma ħatja ta' xiex? Għax qed nerġgħu inħobbu? Hawn min jahseb li meta jormol u jħobb persuna oħra jkun qed jgħix fid-dnub. Ma naqbilx. L-unika dnub f'din l-istorja kollha, hija li ormolna. Dak biss kien dnub. Dnub li ma seħx tort tagħna. Anzi aħna soffrejna. Lanqas se noqgħod nagħti kas x'jgħid ħaddieħor. Hekk jonqos issa, noqgħod nagħti kas x'jgħid min ma ġarrabx.

Min-naħa l-oħra, hawn min jiddeċiedi, li ma jistax iħobb persuna oħra, anke forsi għax ma jkunx jixtieq jerġa' jġarrab il-mewt. Dejjem nirrepeti li għandna nirrispettaw id-deċiżżjonijiet ta' kulħadd. M'aħniex speċjali biex niġġudikaw. Nirrepeti ċerti affarijiet għax nemmen li huma importanti ferm speċjalment għall-membri l-ġodda.

***Victor***